Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1924

5.8.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1924

## tas-27 ta' Lulju 2026

## dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' miżuri li jridu jittieħdu mill-Polonja skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra tas-27 ta' Mejju 2026, il-Polonja nnotifikat lill-Kummissjoni b'ċerti miżuri li l-Polonja kienet beħsiebha tieħu, skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE u bl-għan li jaġġornaw u jemendaw il-miżuri attwalment fis-seħħ f'dak l-Istat Membru, li ġew iddikjarati kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/163 ([2]). Il-miżuri li jridu jittieħdu huma addizzjonali għall-miżuri attwalment fis-seħħ u jistabbilixxu lista aġġornata ta' avvenimenti ddeżinjati, nazzjonali jew mhux nazzjonali, li l-Polonja tqis li huma ta' importanza kbira għas-soċjetà tagħha.

(2) Il-Kummissjoni vverifikat li l-miżuri stabbiliti fl-ittra tas-27 ta' Mejju 2026 huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-proporzjonalità tagħhom u t-trasparenza tal-proċedura ta' konsultazzjoni nazzjonali li kienet twettqet.

(3) Fl-eżaminar ta' dawk il-miżuri, il-Kummissjoni qieset id-data disponibbli dwar is-suq awdjoviżiv Pollakk, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt ta' tali miżuri fuq is-suq televiżiv.

(4) Abbażi ta' evidenza dettaljata u ta' ċifri dwar l-għadd ta' telespettaturi pprovduti mill-awtoritajiet Pollakki, il-Kummissjoni vvalutat jekk kull avveniment addizzjonali inkluż fil-lista jissodisfax mill-inqas tnejn mill-erba' kriterji li ġejjin, li l-Kummissjoni tqis bħala indikaturi affidabbli tal-importanza ta' ċerti avvenimenti għas-soċjetà: (i) l-avveniment ikkonċernat għandu riżonanza ġenerali speċjali fl-Istat Membru u s-sinifikat tiegħu mhuwiex limitat għal dawk li ordinarjament isegwu l-isport jew l-attività kkonċernata; (ii) l-avveniment ikkonċernat għandu importanza kulturali ġeneralment rikonoxxuta u distinta għall-popolazzjoni tal-Istat Membru, b'mod partikolari bħala katalist tal-identità kulturali; (iii) it-tim nazzjonali huwa involut fl-isport ikkonċernat f'kompetizzjoni jew f'tornew internazzjonali ewlieni; u (iv) l-avveniment ikkonċernat tradizzjonalment ixxandar fuq is-servizzi televiżivi mingħajr ħlas u huwa segwit minn udjenzi televiżivi kbar fl-Istat Membru.

(5) Il-logħbiet tal-Lega tan-Nazzjonijiet tal-Volleyball li jintlagħbu barra mill-pajjiż u li jinvolvu t-tim nazzjonali Pollakk jitqiesu bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. Dawn għandhom riżonanza ġenerali speċjali fil-Polonja u s-sinifikat tagħhom mhuwiex limitat għal dawk li ordinarjament isegwu l-volleyball. Barra minn hekk, tradizzjonalment ixxandru fuq is-servizzi televiżivi mingħajr ħlas u kellhom udjenzi televiżivi kbar fil-Polonja.

(6) Il-logħbiet fil-livell tal-kwarti tal-finali sal-finali fil-Kampjonat Dinji tal-Basketball tal-irġiel u l-logħbiet fil-livell tar-rawnd tas-16 sal-finali fil-Kampjonat Ewropew tal-Basketball tal-irġiel li jinvolvu t-tim nazzjonali Pollakk jitqiesu bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. Dawn għandhom riżonanza ġenerali speċjali fil-Polonja u s-sinifikat tagħhom mhuwiex limitat għal dawk li ordinarjament isegwu l-basketball. Barra minn hekk, dawn jinvolvu l-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali f'tornew internazzjonali ewlieni.

([1]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/13/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/163 tal-21 ta' Novembru 2014 dwar il-kompatibbiltà mal-liġi tal-Unjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Polonja skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 27, 3.2.2015, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/163/oj).

(7) Il-Kampjonati Ewropej tal-Atletika jitqiesu bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà, peress li huma partikolarment popolari mal-pubbliku ġenerali. Is-sinifikat tagħhom mhuwiex limitat għal dawk li ordinarjament isegwu l-atletika u jinvolvu l-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali f'tornew internazzjonali ewlieni. Barra minn hekk, tradizzjonalment ixxandru fuq is-servizzi televiżivi mingħajr ħlas u kellhom udjenzi televiżivi kbar fil-Polonja.

(8) Is-semifinali u l-finali individwali tan-nisa u tal-irġiel fl-Australian Open, fil-French Open, f'Wimbledon u fil-US Open li jinvolvu plejers Pollakki jitqiesu bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. Dawn għandhom riżonanza ġenerali speċjali fil-Polonja u s-sinifikat tagħhom mhuwiex limitat għal dawk li ordinarjament isegwu t-tennis. Barra minn hekk, għalkemm il-maġġoranza tal-avvenimenti tat-tennis jixxandru fuq stazzjonijiet satellitari kriptati, xorta waħda hemm interess ċar f'dawk it-tornej tat-tennis tal-Grand Slam fost il-pubbliku Pollakk, u s-semifinali u l-finali jkollhom udjenzi televiżivi kbar kull darba li jixxandru fuq it-televiżjoni mingħajr ħlas.

(9) Il-logħbiet tal-livell tar-rawnd tat-32 sal-finali tal-UEFA Conference League li jinvolvu klabbs Pollakki jitqiesu wkoll bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. Dawk l-avvenimenti għandhom riżonanza ġenerali speċjali fil-Polonja, u s-sinifikat tagħhom mhuwiex limitat għal dawk li ordinarjament isegwu l-futbol. Barra minn hekk, hemm interess ċar f'dawk it-tornej relattivament ġodda min-naħa tal-pubbliku Pollakk, u l-logħbiet ikollhom udjenzi televiżivi kbar kull darba li jixxandru fuq it-televiżjoni mingħajr ħlas.

(10) Il-logħbiet fl-ogħla diviżjoni tal-Kampjonat Dinji tal-Hockey fuq is-Silġ tal-irġiel li jinvolvu t-tim nazzjonali Pollakk jitqiesu bħala avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà. Dawn għandhom riżonanza ġenerali speċjali fil-Polonja u s-sinifikat tagħhom mhuwiex limitat għal dawk li ordinarjament isegwu l-hockey fuq is-silġ. Barra minn hekk, dawn jinvolvu l-parteċipazzjoni tat-tim nazzjonali f'tornew internazzjonali ewlieni.

(11) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-miżuri nnotifikati mill-Polonja ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv imfittex, jiġifieri l-protezzjoni tad-dritt għall-informazzjoni u l-aċċess wiesa' għall-pubbliku għax-xandir televiżiv ta' avvenimenti, nazzjonali jew mhux nazzjonali, li l-Polonja tqis li huma ta' importanza kbira għas-soċjetà, filwaqt li jitqiesu: (i) l-arranġamenti li skonthom iridu jixxandru l-avvenimenti kkonċernati; (ii) id-definizzjoni ta' "xandar li jikkwalifika" li tinsab fl-Artikolu 20b(1) tal-Att dwar ix-Xandir Pollakk; (iii) ir-rwol tal-awtorità kompetenti nazzjonali Krajowa Rada Radiofonii i Telewizji fir-riżoluzzjoni tat-tilwim; u (iv) il-fatt li, fir-rigward tal-avvenimenti ddeżinjati l-ġodda, il-miżuri rilevanti se jidħlu fis-seħħ 12-il xahar wara l-promulgazzjoni tagħhom, u b'hekk jingħata perjodu ta' grazzja ta' durata xierqa minħabba l-kalendarju li skontu huma skedati ħafna mill-avvenimenti. B'hekk, l-effetti tad-deżinjazzjoni ta' avvenimenti addizzjonali fuq id-dritt għall-proprjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ma jmorrux lil hinn mill-effetti li huma intrinsikament marbuta mal-inklużjoni ta' dawk l-avvenimenti fil-lista msemmija fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE.

(12) Għal raġunijiet simili, jidher li l-miżuri nnotifikati mill-Polonja huma proporzjonati u li jiġġustifikaw deroga mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi, kif stabbilit fl-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-interess pubbliku prevalenti li jiġġustifika dik id-deroga hu li jiġi żgurat aċċess wiesa' għall-pubbliku għax-xandiriet ta' avvenimenti, nazzjonali jew mhux nazzjonali, li l-Polonja tqis li huma ta' importanza kbira għas-soċjetà. Barra minn hekk, dawk il-miżuri ma jikkostitwixxu l-ebda diskriminazzjoni jew esklużjoni mis-suq kontra xi xandara, detenturi tad-drittijiet jew operaturi ekonomiċi oħra ta' Stati Membri oħra.

(13) Il-miżuri li jridu jittieħdu huma kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Id-definizzjoni ta' xandar li jikkwalifika fl-Att dwar ix-Xandir Pollakk hija bbażata fuq kriterji oġġettivi, li jippermettu kompetizzjoni reali u potenzjali għall-akkwist tad-drittijiet biex jixxandru l-avvenimenti. Barra minn hekk, l-għadd ta' avvenimenti ddeżinjati mhuwiex tant li jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq televiżivi downstream mingħajr ħlas u bi ħlas. Għaldaqstant, l-effetti tad-deżinjazzjoni ta' avvenimenti addizzjonali fuq il-libertà tal-kompetizzjoni ma jmorrux lil hinn minn dawk li huma intrinsikament marbuta mal-inklużjoni ta' dawk l-avveniment fil-lista msemmija fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE.

(14) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li jridu jittieħdu mill-Polonja u ppreżentat ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' dawk il-miżuri lill-kumitat ta' kuntatt stabbilit bl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/13/UE. Dak il-kumitat adotta opinjoni favorevoli,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

1. Il-miżuri li jridu jittieħdu mill-Polonja skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2010/13/UE, innotifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(2) ta' dik id-Direttiva fis-27 ta' Mejju 2026, huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

2. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 1, kif meħudin mill-Polonja, għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2026.

*Għall-Kummissjoni*
Henna VIRKKUNEN
*Viċi President Eżekuttiv*